**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 5 ta' Ġunju 2025

Każ Numru: 697/2014

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**Giuseppe Azzopardi**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 753355(M))

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, Giuseppe Azzopardi ta' 58 sena, iben Salvatore u Francesca nee' Bugeja, imwieled Ħal-Lija, nhar is-17 ta' Ottubru 1955, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 753355(M) u 19, Connemara, Triq Pawlu Borg, Attard:

U akkużat billi personalment u/jew fil-kapaċità tiegħu ta' impjegat jew ta' uffiċjal prinċipali jew ta' rappreżentant tal-kumpanija Bottega Del Marmista Ltd, akkużat talli matul is-sena 2009 sas-sena 2013, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'meżżi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti

immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Maria Louisa k/a Marisa Magri mill-Iklin u ta' Alessandra Xuereb mill-Ħamrun;

2. Talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamilt qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-kodiċi kriminali ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu ta' l-Ewro (€2,329.37c) għad-detriment ta' Maria Louisa k/a Marisa Magri mill-Iklin u ta' Alessandra Xuereb mill-Ħamrun;

3. Kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanza, approprjajt ruħek, billi dawwart bi profitt għalik jew għal persuna oħra mis-somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu ta' l-Ewro (€2,329.37c), liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-detriment ta' Maria Louisa k/a Marisa Magri mill-Iklin u ta' Alessandra Xuereb mill-Ħamrun, liema somma ġiet fdata lilek minħabba il-professjoni. Industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek jew minħabba depożitu neċessarju;

4. U b'hekk int, Giuseppe Azzopardi, sirt reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke LL.D fl-4 ta' Ottubru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva esebixxiet l-Att ta' Twelid kif ukoll il-fedina penali tal-imputat, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Frar 2018, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjarat illi ma għandix aktar provi xi tressaq.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2018 filwaqt li l-Ispettur Yvonne Farrugia ippreżentat ċitazzjoni mil-ġdid u qrat l-akkuża kif korretta bil-ġurament, id-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli terġa tressaq dawk il-provi li kienu diġà tressqu quddiem din il-Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali taħt:

- L-artikoli 18, 31, 308 u 310 (a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 18, 31, 309 u 310 (1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 18, 31, 293, 294 u 310 1 (a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 23, 23A, 23B, 23Ċ u 23D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 7, 8, 9, 11, 14, 16, 17, 18, 20, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2019 inqraw l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali, u l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja.

Rat id-Digriet ta' Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta, u li waqt is-seduti tat-28 ta' Lulju 2023 u s-17 ta' Ottubru 2023 il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jeżentaw lill-Qorti mis-smiegħ mill ġdid tal-provi fid-dawl tar-riassenjazzjoni tal-kawża.

Rat ix-xhieda.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2024, d-difiża ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet u rat is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

Semgħet u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża.

## A. Fatti tal-każ

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Yvonne Farrugia** xehdet li l-Pulizija fit-12 ta' Diċembru 2013 rċeviet rapport mingħand Alessandra Farrugia u bintha Marie Louise Magri fejn ġie allegat li huma ġew iffrodati minn Giuseppe Azzopardi li huwa s-sid tal-Bottega del Marmista, is-somma ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000).

Marie Louise Magri kienet fetħet qalba ma Giuseppe Azzopardi u nfurmatu li hi u ommha kellhom ammont ta' flus sostanzjali investiti fil-Bank ta' l-Awstralja li ma kienux qed irendu.

Malli qaltlu hekk huwa ħatafha fil-kelma u nkorraġiha sabiex tinvesti l-flus miegħu u jagħtiha sitta fil-mija imgħax fis-sena bħala interessi għal perjodu ta' tlett snin.

Marie Louise Magri ddeċidiet li tgħaddi l-flus lil Giuseppe Azzopardi. Fis-5 ta' April 2009 hija għaddietlu l-ammont ta' ħamest elef sebgħa mija u disgħin ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€5,790.35c), fil-11 ta' Awwissu 2009 hija għaddietlu l-ammont ta' tnejn u tletin elf ħames mija disgħa u sebgħin ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€32,579.75c), fis-6 ta' Awwissu 2009 hija għaddietlu l-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf disgħa mija wieħed u erbgħin elf ewro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€27,941.43c), fit-23 ta' Ottubru 2009 hija għaddietlu l-ammont ta' tlieta u għoxrin elf mitejn tlieta u tmenin elf ewro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,283.73c) u fit-12 ta' Jannar 2010 hija għaddietlu l-ammont ta' sittax il-elf tlett mija wieħed u tmenin elf ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€16,381.24c).

Il-kwerelanti sostnew li huma għaddew dawn il-flus lill-Azzopardi għaliex kien offrilhom rata ta' interess tajba u fil-fatt kull sitt xhur kien jgħaddilhom l-ammont ta' disgħa mitt ewro (€900) bħala interessi, iżda fis-sena 2011 bdew il-problemi u ma baqax jgħaddilhom dawn l-interessi.

Huwa kien qalilhom li minħabba l-kriżi tal-Greċja huwa kien tilef xi flus u ma setgħax jagħtihom l-interessi li kien jagħtihom qabel.

Fis-16 ta’ Jannar 2013, huwa kien għaddielhom ċekk fis-somma ta’ tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) li kien ġej minn kont bankarju ta’ Bottega del Marmista pero talabhom sabiex ma jippreżentawx il-bank qabel ma jgħidilhom hu. Minħabba li l-flus baqgħu ma tħallsux il-kwerelanti talbu lil pulizija sabiex tinvestiga dan il-każ.

Ix-xhud sostniet li hija kienet bagħtet għal Azzopardi fis-7 ta’ Mejju 2014 u huwa kien mar volontarjament. Ix-xhud infurmatu li kien jinsab taħt arrest. Waqt l-interrrogatorju Azzopardi kien stqarr li huwa kien skultur u ma kienx għadu jagħmel dan ix-xogħol minħabba raġunijiet ta’ saħħa.

Huwa sostna li l-Kumpanija Bottega del Marmista kienet għalqet il-bibien tagħha u waqfet topera f’April 2012 u l-istess kumpanija kienet fi proċess ta’ likwidazzjoni.

Huwa kkonferma li huwa kien irċieva l-flus kollha li kienu sostnew is-Sinjuri Xuereb u Magri mingħandhom, pero nnega li huwa kien wiegħedhom li kien se jinvestihomlhom f’shares barranin.

Huwa stqarr li kien sar arranġament bejniethom sabiex jgħaddulu l-flus biex jiffinanzjaw il-Business tiegħu u kellhom jirċievu mgħax ta’ tmienja fil-mija (8%) kull sitt xhur għal ħames snin.

Huwa sostna li l-flus kien nefaqhom fi bronż li kien xtara mill-Italja. Waqt l-interrogatorju, Azzopardi kien għadda lil pulizija dikjarazzjoni iffirmata minnu biss fejn f’din id-dikjarazzjoni datata 27 ta’ Jannar 2011 kien hemm indikat li l-flus kellhom jgħaddu lis-Sinjura Magri u lis-sinjura Xuereb sal-25 ta’ Ġunju 2014.

Ix-xhud sostniet li hija kienet bagħtet għas-sinjuri Xuereb u Azzopardi u wriethom id-dikjarazzjoni, iżda s-sinjuri Xuereb u Azzopardi sostnew li huma qatt ma kienu raw din id-dikjarazzjoni u li qatt ma sar il-ftehim li Azzopardi sostna li kien sar bejn il-partijiet.

Minħabba li Azzopardi kien insista max-xhud li huwa kien sejjer jagħti lura l-flus lis-Sinjuri Xuereb, ix-xhud kienet iddeċidiet li tagħti ftit ċans lill-Azzopardi biex iħallas lis-Sinjuri Xuereb u Azzopardi, iżda huwa baqa’ qatt ma għadda l-flus lis-Sinjuri Xuereb u Azzopardi.

Ix-xhud kienet ippreżentat ir-rapport li kien sar mis-Sinjuri Xuereb u Azzopardi liema rapport ġie mmarkat bħala Dok YF1, kopja ta' ċekk li ġie mmarkat bħala Dok YF2, id-dikjarazzjoni tal-imputat Azzopardi li permezz tagħha irrinunzja li jeżerċita d-dritt li jikkonsulta ma Avukat li ġiet immarkata bħala Dok YF3, l-istqarrija rilaxxata minn Azzopardi li ġiet immarkata bħala Dok YF4, kif ukoll tlett dokumenti li kien għaddielha l-imputat li ġew immarkati bħala Dok YF5, dokument li kien għaddielha l-imputat li jippreżenta rendikont li skond l-imputat kien għadda lil Marisa Xuereb li ġie mmarkat bħala Dok YF6, dikjarazzjoni datata 27 ta' Jannar 2011 li ġiet immarkata Dok YF7, dokument li jikkonsisti fi breakdown ta' flus li Marisa Magri kkonfermat li kienet irċeviet mingħand l-imputat li ġie mmarkat Dok YF8, sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppe Azzopardi mogħtija mill-Maġistrat Dr. Saviour Demicoli datata 10 ta' Settembru 2008 li ġiet immarkata bħala Dok YF9 u sentenza mogħtija mil-Maġistrat Doreen Clarke datata 4 ta' Ottubru 2007 mmarkata bħala Dok YF10.

2. **Marisa Magri** xehdet li hija saret taf lill-imputat fl-2008 meta marret ġewwa l-ħanut tiegħu biex tagħmel il-wiċċ tal-kċina. Il-ħanut kien jismu Bottega del Marmista. Hija ddikjarat li qed tagħraf l-imputat fl-awla.

   Ix-xhud sostniet li hija baqgħet tmur il-ħanut tiegħu anke wara li għamlilha l-wiċċ tal-kċina għax kienet nibtet ħbiberija bejniethom u ħasset li kien raġel tar-rispett. Sostniet li darba minnhom hija kienet qaltlu li għandhom xi flus l-Awstralja u li l-imgħaxijiet naqsuhomlhom drastikament.

   Il-flus kienu tagħha u ta' ommha. Ix-xhud sostniet li *'kellna eighty-four thousand, eight hundred, forty (84,840) Awstraljani u dawn ġibnihom kollha u tajnihomlu u għandi firma li qegħdin għandu'.*

   Ix-xhud sostniet li hija kellha xi flus ġo Fund Management tal-Bank of Valletta li kienet ġibdithom kollha u għaddiethom lill-imputat u dan minħabba l-fatt li l-imputat kien qalilha li huwa kien ha jagħtiha aktar imgħax milli kienet qed tirċievi.

Il-flus kienu għaddewhomlu kemm permezz ta' ċekkijiet u anke permezz ta' transfers. L-ammont totali ta' flus mgħoddija lill-imputat kien dak ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000).

L-imputat kien dejjem jgħidilhom li l-investiment kien se jrendilhom imgħax ta' sitta fil-mija (6%).

Ix-xhud sostniet li huma ma kellhomx informazzjoni fejn marru dawn il-flus u kull darba li kienet tgħid lill-Azzopardi li trid karta huwa l-ewwel kien jgħidilha li kien se jagħmilielha, mbagħad kien jgħidilha li għadu ma għamiliex għax kellu x'jagħmel.

Ix-xhud sostniet li għall-ewwel sentejn l-imputat kien qed jagħtihom imgħax. Ir-rata ta' imgħax ma kinitx tkun dejjem l-istess u huwa ħallashom dejjem cash, ħlief għal darba li kien ħallashom permezz ta' ċekk. Il-ħlas kien isir kull sitt xhur. Wara sentejn l-imputat ma baqax jgħaddilhom imgħax. Ix-xhud bdiet titolbu l-flus għax kienet qed tissepara u kellha bżonn il-flus biex tkun tista' tikri post u ommha bdiet tinduna li kien hemm xi ħaġa ħażina. Bdiet iċċempillu u ma bediex jirrispondiha u darba minnhom marret ikkelmu u qaltlu li ommha trid lura l-flus kollha. Ix-xhud sostniet li hija ndunat li l-imputat kien qed jippanikja u kien qiegħed jidħak biha.

Fis-16 ta' Jannar 2013 kien tagħha ċekk fl-ammont ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000), iżda talabha sabiex ma tmurx issarrfu sakemm ma jgħidilha biex tmur issarrfu. Wara ftit ġranet kien qalilha li l-flus kien se jagħtihomlha hu u meta jagħtihomlha huwa kien ħa jitlobha sabiex tqatta ċ-ċekk.

Eventwalment hija ma setgħet bl-ebda mod tagħmel kuntatt miegħu. Il-linja tat-telephone kien neħħiha, il-ħanut kien qed ikun magħluq u minkejja li kienet kitbitlu li kellha bżonn tkellmu, huwa qatt ma kkuntattjaha lura.

Hija bdiet tagħti l-aħbar lill-ommha bil-mod il-mod u dan minħabba li ommha kienet mara anzjana u eventwalment marru jagħmlu rapport. Ix-xhud sostniet li hija kienet tat il-flus lill-imputat għax kienet fdatu. Ix-xhud sostniet li meta kienet qed tissepera huwa kien għamel sentejn iħalsilha l-kera tal-post li kienet tammonta għal erbgħa mija u ħamsin ewro (€450) fix-xahar.

Murija dokument YF7, ix-xhud sostniet li hija qatt ma kienet rat dak id-dokument.

Murija Dokument YF8, ix-xhud sostniet li bejn Settembru tal-2010 u Marzu tal-2013 l-imputat Azzopardi kien ħalsilha tnax il-elf u disgħa mitt ewro (€12,900) f'kera. Ix-xhud sostniet li ġieli kien jagħtiha mitejn ewro (€200) fix-xahar sabiex jgħina fit-trobbija tat-tfal u biex tħallas il-kont tad-dawl u l-ilma. Ix-xhud sostniet li dawk il-flus kien jagħtiomlha minn qalbu u ma kellhiex tagħtihomlu lura.

Rigward it-tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) l-imputat kien jgħid lix-xhud li huwa kien ħa jinvestihomlha u eventwalment kellu jagħtiha lura l-kapital fi żmien ħames snin. Kien jgħidilha li huwa kellu xi ħbieb fosthom xi tobba li kienu qegħdin jgħinuh biex jinvestihom barra minn Malta b'imgħax għoli. Huwa qatt ma wriha dokumenti pero kien jgħidilha li qed jinvesti l-flus fil-Greċja u qalilha wkoll li kien ħa jinvesti xi flus f'xi bini ġewwa l-Ingilterra.

Ix-xhud sostniet li wara li l-imputat qata' kompletament il-kuntatt minn magħha, hija flimkien mat-tifel il-kbir kienu marru jistennewh wara il-bieb tad-dar tiegħu u huwa kien iġġennen.

Ix-xhud kien anke uriha kopja ta' Calamatta Cuschieri u kien qalilha li għandu mija u tletin elf li kien wasal biex jeħodhom, iżda minkejja li stenniet huwa baqa' ma ħallashiex.

Eventwalment ix-xhud fit-12 ta' Diċembru 2013 kienet marret tagħmel rapport lil pulizija.

3. **Dr Amanda Poole in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji l-MFSA** ippreżentat il-Memorandum and Articles tal-Kumpanija Bottega Del Marmista. Ix-xhud sostniet li l-imputat beda jokkupa l-kariga ta' Direttur u segretarju ta' din il-kumpanija mil-20 ta' Frar 2012.

4. **Alexandra Xuereb** xehdet li hija qed tagħraf lill-imputat. Hija sostniet li hija saret taf lill-imputat għaliex it-tifla tagħha Marisa Magri kienet marret tagħmel wiċċ tal-kċina għandu u eventwalment kienu saru ħbieb.

Ix-xhud sostniet li hija kellha xi flus l-Awstralja u l-imputat kien qal lit-tifla tagħha biex tagħtihomlu ħalli jinvestihomla u jġibilha imgħax aħjar minn tal-Awstralja. Ix-xhud sostniet li hija kienet aċċettat u kienet ġabet il-flus. Sostniet li hija għaddietlu l-flus għax kienet tarah raġel sew. Hija sostniet li l-imputat qatt ma għaddielha rċevuta tal-flus li tagħtu.

Ix-xhud sostniet li l-imputat beda jnaqsilha l-imgħax sakemm wara sentejn ma tagħha xejn aktar. L-imgħax kien jagħtihomlha cash. Sostniet li l-imputat kellu jinvestielha flusha u l-investiment ma kellux isir f'Malta.

Ix-xhud sostniet li huma kienu kostretti jirrikorru għal pulizija għaliex l-imputat kien qata' il-kuntatt minn magħhom.

5. **WPS 249 Marouska Debattista** murija dokument immarkat YF1 a fol33 et seq tal-proċess hija xehdet li dak huwa rapport li sar minnha.

   Hija sostniet li Alexandra Xuereb u Mary Louise Magri sostnew li huma kienu ġew iffrodati minn Giuseppe Azzopardi. Ix-xhud sostniet li huma kienu qalulha li kienu għaddew lil Giuseppe Azzopardi s-somma ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) sabiex jiġu nvestiti għal perjodu ta' tlett snin. Wara li għaddew it-tlett snin huma baqgħu mingħajr it-tmienja u disgħin elf ewro (€98,000).

6. **Joseph Saliba in rappreżentanza tal-ETC** ippreżenta l-employment history tal-imputat u sostna li fl-2009 huwa kien consultant ma Bottega del Marmista Ltd. Ippreżenta wkoll l-employment history ta' Joseph Azzopardi.

7. **Janette Lepre in rappreżentanza tal-Lombard Bank** ippreżentat kont bankarju ta' Bottega Del Marmista Limited**.**

8. **Joanna Bartolo in rappreżentanza tal-Bank of Valletta** xehdet u ippreżentat diversi rendikonti ta' kontijiet bankarji li jgħajjtu lil Maria Louisa Magri u Paula Azzopardi.

9. **Audrey Ghigo in rappreżentanza tal-HSBC Bank** xehdet fuq diversi withdrawals li kienu saru mill-kontijiet bankarji li jgħajjtu lil Alexandra Xuereb.

10. **Walter Aquilina in rappreżentanza ta' Calamatta Cuschieri Investment Services Limited** xehed li huwa ma sab l-ebda records tal-imputat.

11. **Dr John Seychell** ippreżenta rapport tal-assi tal-imputat u tal-kumpanija Bottega Del Marmista Ltd.

12. **Joyce Agius bħala Deputat Reġistratur fil-Qorti Kriminali** ippreżentat kopja ta' multa li kienet ġiet imħallsa mill-imputat.

13. **L-Aċċess** – Sar aċċess fuq il-post fejn l-imputat iżomm il-bronż u minbarra l-materjal tal-bronż kien hemm tlett magni.

14. **L-Istqarrija tal-imputat Giuseppe Azzopardi datata 7 ta' Mejju 2014** fejn fiha huwa stqarr li huwa Direttur tal-Kumpanija bl-isem Bottega Del Marmista Ltd iżda l-istess Kumpanija għal xi April 2012 kienet għalqet il-bibien tagħha u kienet qed tiġi likwidata.

    Huwa stqarr li lil Marie Louise Magri kien jafha. Sostna li fl-2009 kienet ordnat wiċċ ta' kċina. Wara li ħallset id-depożitu kien fadal bilanċ ta' tmin mitt ewro (€800) u talbitu sabiex jistennieha ftit sakemm ommha tirċievi l-imgħax tal-flus li kellha l-Awstralja biex tkun tista tħallsu u huwa kien aċċetta.

    Ftit wara Maria Louise Magri kienet għamlitlu proposta fejn hija u ommha jagħtuh il-flus li kellhom fil-kont tal-Awstralja u xi ħaġa oħra li kellha mal-Bank of Valletta u kull sitt xhur jagħtiha mgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fuqhom. Huwa kien aċċetta. L-imputat għadda rendikont ta' flus li huwa kien għadda lil Marie Louise Magri.

    L-imputat sostna li bil-flus li kienu tawh Marisa u ommha huwa kien xtara l-bronż. L-imputat ċaħad li huwa kien qal lil Marisa li kien investilhom flushom il-Greċja. Sostna li huwa kien qalilha li kien investa flusu li kien qala minn xogħol li għamel f'Ċipru ġewwa Laiki Bank.

L-imputat sostna li minkejja li l-ftehim kien li flushom joħduhom fil-25 ta' Ġunju 2014 huwa kien ħarġilha ċekk ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) fis-16 ta' Jannar 2013 u talabha biex ma tmurx issarfu qabel jgħidilha hu għax kien ħa żball fid-data u minkejja li talab lil Marisa diversi drabi biex tirritornalu ċ-ċekk sabiex ibiddillu d-data hija rrifjutat għaliex iċ-ċekk kien għand ommha u ma riditx tinkwetaha.

Huwa kkonferma li l-iskrittura rigward  il-ftehim bejn il-partijiet li kien għadda lill-ispettur dakinhar tal-interrogatorju kien iffirmat minnu biss.

Huwa sostna li huwa kien sejjer iħallas il-flus sal-25 ta' Ġunju 2014 minn fondi tiegħu stess bil-bejgħ tal-bronż.

Illi sabiex tirribadixxi l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Imputat Giuseppe Azzopardi** xehed li huwa kien sar jaf lil Marisa għaliex kienet marret tagħmel il-wiċċ tal-kċina għandu u dan kien fl-2009.

   Ix-xhud sostna li Marisa ma kinitx ħallsitu kollox. Fil-fatt kien għad fadal xi bilanċ ta' tmin mitt ewro (€800) u kienet qaltlu li la jiġu l-flus tal-Awstralja tħallsu.

   Sostna li hija kienet tiftaħ qalba miegħu. Kienet qaltlu kemm qiegħed jinkwetaha it-tifel u huwa bħala ex għalliem fejn kien anke guidance teacher ipprova jgħina billi kellem lit-tifel. Imbagħad talbitu biex jixtri computer lit-tifel li kien se jidħol l-università u hu xtralu wieħed, dejjem bil-wegħda li ladarba jaslu l-flus li kellha ommha l-Awstralja kienet se tħallsu.

   Imbagħad kienet talbitu sabiex jinvesti l-flus tagħha u ta' ommha. Huwa ssuġġerixxa li jiftħu ħanut fi Triq Notabile Attard bil-bronż tal-oqbra u affarijiet anċellari għal manifattura tat-tomb stones u hija kienet aċċettat. Il-flus tagħha u ta' ommha kienu jammontaw qrib il-mitt elf ewro (€100,000) u Marisa kienet issuġġeriet li jiftħu l-ħanut għat-tifel. Li ġara kien li ftit wara li huwa kien xtara l-materjal hija nfurmatu li t-tifel ma riedx jaf bi ħwienet u qaltlu wkoll li t-tifel kien sab xogħol. Huwa kien insistha

magħha li l-affarijiet ma jmorrux hekk. Pero sadanittant huma kienu ftehmu li l-flus ikunu għal ħames snin bis-sitta fil mija (6%) imgħax. Huwa sostna li huwa kien beda jħallasha, pero hija bdiet titolbu pjaċiri oħra. Kienet bdiet titolbu li jħalsilha l-kera għax kienet telqet mid-dar u kienet talbitu wkoll biex jimpjega lir-raġel ta' oħtha. F'mument minnhom huwa kien qalilha li huwa kull ma kien wegħda kien is-sitta fil mija (6%) imgħax u ma setax jibqa jħallsilha l-ispejjeż tagħha u dan apparti li kienet titolbu l-flus biex tħallas lil-kera.

Darba minnhom kienet marret l-uffiċju għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu u qaltlu li ommha qed tħossha ħażin minħabba li ma għandix karta f'idejha. Huwa qalilha sabiex terġa tgħaddi għax kien se jagħmilielha aktar tard għax dak il-ħin kellu uffiċju mimli nies. Fil-fatt huwa għamel il-karta, imma hija qatt ma kienet marret għaliha. Ix-xhud sostna li huwa kien għadda kopja ta' dik il-karta lill-Ispettur.

Ix-xhud sostna li f'mument minnhom irċieva ittra mingħand Dr Micallef Stafrace. Lil avukat huwa infurmah li huwa kien se jbiegħ kollox, pero riedu jagħtuh ċans biex jinbiegħ il-bronż.

Ix-xhud sostna li lit-tifel ta' Marisa tah elf u mitejn ewro (€1,200) biex jgħinu jixtri karozza Fiat Punto. Insista li l-flus li rċieva mingħand Marisa u ommha wżahom sabiex iġib il-materjal għal ħanut tat-tifel ta' Marisa. Kien kera ħanut minħabba t-tifel tagħha, żammu għal sentejn sħaħ u kien iħallas kera ta' erbat elef ewro (€4,000) fis-sena. Sostna li l-materjal għadu għandu u għadu anke qiegħed iħallas il-kera.

In kontro-eżami x-xhud isostni li huwa jiftakar li kienu bagħtu għalih il-pulizija. Ix-xhud insista li fl-1968 rebaħ il-Premju Papa Giovanni għat-tjubija u spiċċa pennyless minħabba l-karità li dejjem għamel, u sfortunatament kien hemm min approfitta ruħu mit-tjubija tiegħu.

Ix-xhud sostna li huwa kien xtara il-bronż minn Milan u kien ħallas bil-bank transfers. Insista li qatt ma kien hemm ftehim li l-flus mogħtija lilu jiġu nvestiti u insista li għamel sentejn jagħtihom l-imgħaxijiet biex ma jinkwetax lill-omm Marisa. Il-ftehim dejjem kien li jinxtara l-materjal u jiftħu ħanut.

Ix-xhud sostna li l-firmatarji tal-kontijiet tal-kumpanija Bottega Del Marmista kienu hu u Salvu Vella, u li llum il-ġurnata m'għandux karti tal-kera tal-ħanut għax rema kollox. Huwa sostna li l-ħanut kien krieh mingħand Salvu Vella.

Ix-xhud ikkonferma li huwa ma kienx ħallas lura l-ammont ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000).

Mistoqsi għalfejn l-ammont ta' wieħed u ħamsin elf ewro (€51000) kien ġie ddepożitat fil-kont bankarju tat-tifla u inġibed fl-istess ġurnata, ix-xhud sostna li huwa kien ġibdilhom sabiex għaddihom lil kumpanija biex iħallas għal bronż, u ppreżenta diversi dokumenti relatati mal-Bronż. Sostna li l-bronż jinsab miżmum ġo post mikri li jinsab fi Triq Durumblat, Mosta.

Ix-xhud sostna li xtara l-bronż biex jiftaħ ħanut lit-tifel ta' Marisa bih, li dak iż-żmien kellu erbatax il-sena (14).

Ix-xhud sostna li fuq il-post fejn sar l-aċċess ma kienx hemm bi tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) bronż, huwa għandu aktar materjal miżmum f'post ieħor.

Ix-xhud sostna li qabel ma ltaqa ma Marisa Magri, il-kumpanija kienet diġà tixtri l-irħam u l-bronż minn barra u eventwalment kienet tbiegħu lid-ditti tal-irħam.

Ix-xhud sostna li l-materjal inxtara f'isem id-ditta.

Ix-xhud sostna li lil Marisa Magri u Alessandra Xuereb kien diġa ħallashom sebgħin elf ewro (€70,000).

Ix-xhud sostna li huwa kien ħareġ ċekk ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) għax dak iċ-ċekk kien ħarġu qabel ma huwa kien tagħhom sebgħin elf ewro (€70,000).

In kontro-eżami mistoqsi għalfejn kien qed iħallas sitta fil-mija (6%) imgħax lil Marisa Magri u Alessandra Xuereb meta l-flus kellhom jintużaw biex jinxtara stock ta' materjal biex jinbiegħ mit-tifel ta' Marisa Magri, x-xhud sostna li huwa kien beda ibiegħ dan l-

istock biex ikun jista' jħallas il-paga tar-raġel ta' oħtha wara li dan kien spiċċa mit-tarzna.

Muri dokument a fol 59, mistoqsi għalfejn f'dak id-dokument hemm il-firma tiegħu biss, ix-xhud sostna li minħabba li bejniethom kien hemm turbolenza, Alessandra Xuereb u Marisa Magri ma kienux iffirmawh u dan minkejja li talabhom kemm il-darba sabiex jiffirmawh. Ix-xhud sostna li dak id-dokument u ċioé l-iskrittura ġiet miktuba minnu.

Ix-xhud filwaqt li sostna li huwa minnu li hu u l-kumpanija kellhom diversi mandati minn diversi krédituri fosthom anke mill-Bank of Valletta, madanakollu nsista li la hu u lanqas il-kumpanija ma kellhom diffikulta finanzjarja.

Ix-xhud ikkonferma li l-kumpanija kienet qed tiffaċja kawża fejn kienet qed tintalab li tħallas is-somma ta' mija u erbgħa u tletin elf ewro (€134,000).

Ix-xhud ikkonferma li lill-Alessandra Xuereb u Marisa Magri ma kienx infurmahom bil-mandati u bil-kawża.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
   Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

   Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

   Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni: '***akkużat billi personalment u/jew fil-kapaċita' tiegħu ta' impjegat jew ta' uffiċjal prinċipali jew ta' rappreżentant tal-kumpanija Bottega Del Marmista Ltd, akkużat talli matul is-sena 2009 sas-sena 2013, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:*

*B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37c) għad-detriment ta' Maria Louisa k/a Marisa Magri mill-Iklin u ta' Alessandra Xuereb mill-Ħamrun;'*

Illi permezz ta' din l-imputazzjoni l-imputat qiegħed jiġi akkużat bir-reat ta' ta' truffa.

Illi fis-sentenza **l-Pulizija vs Arnold Farrugia** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Jannar 2019 ġie indikat is-segwenti:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) Vs Aaron Mizzi'** gie kkunsidrat li: 'Din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu meta jghid, "... l-agir frawdolenti tal-imputat ma kienx maghmul b'semplici menzione izda akkumpanjat minn apparat estern li sahhah il-kredibilità tas-sitwazzjoni fabbrikata mill-imputat sabiex jirraggira lill-vittma. Il-messa in scena appuntu, kienet konsistenti fil-fatt li l-imputat iddepozita l-karta tal-identità tieghu mal-vittma u ftiehem mieghu biex izommhielu ghandu bhala garanzija illi kien se jhallas lura l-flus illi kien issellef." Dan l-agir tal-appellat jaqa' nettament taht il- kamp penali u l-ewwel Qorti ma kellhiex twarrab dawn il-fatti biex tghid illi din kienet kwistjoni civili bejn l-appellat u Cardona.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George Manicolo'**, gie kkunsidrat li: "Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm ilmessa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur.*

*Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu*

*jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u filfatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*

*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

*Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'*** *gie kkunsidrat: 'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat) Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna.*

*Fi kliem Antolisei artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

*Antolisei jkompli jghid pero' li nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e'*

*finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena: Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet.*

*Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati verament kienu diretturi tas-socjeta Bahia Estates Limited liema socjeta verament kienet akkwistat propjeta biex tizvilluppaha f'binja gdida. Jirrizulta wkoll li fil-fatt din il-propjeta giet zvilluppata bil-mod kif kellha tigi zvilluppata. Huwa pacifiku li s-socjeta Bahia Estates Limited kellha diffikoltajiet biex tottjeni ilkancellamenti minghand l-APS Bank Limited biex tkun tista' tbiegh parti mill-binja zvilluppata lill-parte civile. pero' huwa pacifiku ukoll li l-parte civile kienu jafu b'dawn iddiffikoltajiet u xorta baqghu iggeddu l-konvenju. F'dan il- kwadru ta' fatti ma tirrizulta lebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da parti tas-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu inducìet lill-parte civile biex jaghmlu l-pagamenti li fil-fatt ghamlu.*

*Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil- fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma gew pruvati.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Spettur Chris Pullicino Vs Joseph Incorvaja'*** *gie kkunsidrat li:*

*'Fir-raba' akkuza l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi, kif kontemplat fl-artikolu 308. Din il-Qorti, ghal kull bon fini, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Mark Schembri fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan r-reat fis-sistema nostrana, kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mil-ligi taghna ghal biex jigi ntegrat r-reat ta' truffa.*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna, kienu gew mehuda minn Sir Adrian Dingli mill-paragrafu 5 tal-artikolu 430 tal-Codice delle due Sicilie li hu identiku, hlief ghal xi kelmiet insinifikanti, ghal Kodici Franciz (artikolu 405), avolja dan, il-Codice delle due*

*Sicilie, ittruffa kien jsejhilha frodi - del resto anke llum dan d-delitt fil-Kodici taghna, hu indikativ bhala 'frodi b'ghemil qarrieqi'.*

*Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti talelement materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd inkluz l-imputat.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu talingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti d-delitt ta' truffa kull min –*
*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*
*b. billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew*
*c. ta' kwalifiki foloz,*
*d. billi jinqeda b'qerq iehor, u*
*e. ingann, jew*
*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l- esiztenza ta' intraprizi foloz,*
*g. jew ta' hila*
*h. setgha fuq haddiehor, jew*
*i. ta' krediti mmaginarji, jew*
*j. sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*Fis-sentenza tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1895 moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Rex v Vittorio Azzopardi*** *(vol.XXIX - IV -pg. 398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn Chaveau et Helie u anke minn sentenzi tal-Corte di Cassazzione ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju, biex ikun hemm r-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jikunu frawdolenti w li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi.*

*F'dik is-sentenza ssemmiet wkoll is-sentenza* ***Regina v Giuseppe Galea*** *tat-tnax ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit li :- "che per costituire la frode sotta la disposizione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessario la concorrenza di ambedue i mezzi menzjonati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza din un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti"*

*Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna. L- Imhallef William Harding fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Nikola Bonnici*** *deciza fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-*

*"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzzjoni li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-merti tal- iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Regina v* ***Francesco Cachia u Charles Beck*** *deciza fit- tnejn ta' Jannar, 1896 li fiha intqal li 'quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falza ma richiede inoltre che siano stato impegnate inganno, raggire o simulazione ed e necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*L-Imhallef Guze Flores fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis*** *deciza minn din il-Qorti fil- wiehed u tletin ta' Ottubru, 1959, segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu hekk: "Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal- falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur".*

*Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali li tissupera l- kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid- dritt Franciz mis en scene. L-istess interpretazzjoni l- Imhallef Flores irrepetiha fis-sentenza tieghu fil-kawza*

*flismijiet* ***Police v Schreiner*** *tat-tlieta ta' Mejju, 1956 u fil- kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Gerald Parretti*** *deciza fis- sebgha ta' April, 1950.*

*Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan r-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa hemm bzonn li s-sugett attiv tar-reat fil-mument tal- konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Ghal dak li hi definizzjoni jew tifsira x'inhuma akkuzi jew raggiri (mise en scene), iddefinizzjnoi moghtija mill- Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di diritto penale ( vol 1 - pg. 280) hija bizzejjed : "nel suo significato letterale artifizio e' ogni studiato trasfigurazione del vero, ogni cammufamento della realta affettuate sia simulando cio che non esiste ( per ezempio, richezze, titoli, nome, qualita ecc. ) sia dissimulando vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per ezempio il proprio stato di insolvenza.)"*

*Issa f'dan il-kaz l-imputat kien jaf li ma kienx intitolat ghal flus li kien qed jippretendi minghand l-insurance, izda dan nonostante kkreja c-cirkostanzi biex jiddefroda lillistess insurance, u ghalhekk huwa bizzejjed li nqeda b'qerq u ngann kif imsemmi flartikolu fuq imsemmi 308, u dan billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen lezistenza ta' kreditu mmaginarju. Il-mis en scene f'din il-kawza jammonta ghal dak lapparat estern li gieghel lill-ufficjal tas-socjeta' assikuratrici jemmen li kollox kien miexi regolari w ghalhekk una volta kkrejata din il-mis en scene billi ghamel rapport ghand il-pulizija ha sehem f'inkjesta magisterjali u, una volta kkreja dan l-apparat estern, intiz proprju biex jinganna, r-reat in kwistjoni jkun integru."*

Illi l-Qorti tgħaddi sabiex minnufih tiddikjara li hija ma temminx il-verżjoni mogħtija mill-imputat fix-xhieda tiegħu u ċioé li kien sar xi ftehim bejnu u bejn Marisa Magri sabiex jiftħu ħanut għat-tifel tagħha fi Triq Notabile Attard bil-bronż tal-oqbra u affarijiet anċellari għal manifattura tat-tomb stones u li l-flus kienu ġew mgħoddija lilu għal dan l-iskop. Tant kemm dan ma kienx l-iskop, li fl-istqarrija rilaxxata mill-imputat

lil pulizija, l-istess imputat fl-ebda mument ma jsemmi lit-tifel ta' Marisa Magri u wisq anqas ma jindika li kien ġie mitlub u/jew inkarigat minn Marisa Magri sabiex jarma xi ħanut bil-prodotti tal-bronż għat-tifel tagħha.

Tiddikjara wkoll li lanqas ma temmen il-verżjoni mogħtija mill-imputat fl-istqarrija tiegħu u ċioé li l-ftehim bejn il-partijiet kien li bil-flus mgħoddija lilu, huwa kellu jixtri l-bronż. Il-Qorti ma temminx li l-iskrittura a fol 59 li kienet iffirmata mill-imputat biss, fil-fatt kienet ingħatat jew ġiet murija lil Marisa Magri.

Il-Qorti pero temmen il-verżjoni mogħtija minn Marisa Magri u Alessandra Xuereb u cjoe li l-imputat Giuseppe Azzopardi kellu jinvesti l-ammont ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) mgħoddija lilu fl-2009 minn Marisa Magri u Alessanda Xuereb barra minn Malta, x'imkien ġewwa l-IMCA bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena pero ma qalilhomx fejn. L-imgħax kien jagħtihomlhom kull sitt (6) xhur, iżda mill-2011 ma baqax jagħtihom imgħax. Imbagħad meta għaddew it-tlett snin u ġie mitlub sabiex jagħtihom il-flus lura, huwa beda jġibilhom ħafna skużi fosthom li kien investihom il-Greċja u fallew.

Eventwalment fis-16 ta' Jannar 2013 l-imputat kien għadda ċekk lil Marisa Magri fl-ammont ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) iżda talabha sabiex ma tmurx il-bank issarfu qabel ma jgħidilha hu. F'Mejju 2013 kien urieha dokument li jindika li kellu investiti l-ammont ta' mija u tletin elf (€130,000) ma Calamatta Stock Brokers u kien talabha sabiex tagħtih ftit ċans sakemm jirċievi dawk il-flus. Minkejja d-diversi wegħdi l-imputat baqa' qatt ma rritorna lura dawn il-flus.

Illi mill-provi jirriżulta u huwa evidentement ċar li l-imputat gideb lil Marisa Magri u Allessandra Xuereb meta sostna magħhom li huwa kien se jkun qiegħed jinvestilhom flushom barra minn Malta. Pero lanqas ma jirriżulta li huwa għamel xi *mise in scene* sabiex ikkonvinċihom sabiex jafdawlu dak l-ammont biex jinvestihomlhom barra minn Malta. Fil-fatt jirriżulta li huwa kien infurmahom li kien se jinvestilhom flushom x'imkien ġewwa IMCA iżda lanqas biss qalilhom fejn. Lanqas ma jirriżulta li huwa kien urihom xi dokumenti sabiex jimpressjonahom u jaċċettaw li jiġu nvestiti barra minn Malta, tant li mill-provi jirriżulta li l-imputat qatt ma għaddiethom xi dokumenti jew xi irċevuta u dan lanqas bħala konferma li l-flus kienu tabilħaqq ġew investiti.

Il-ġurisprudenza tgħallimna illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, iżda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilità lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jieħu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali. Irid ikun hemm il-messa in xena u għalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti.

Fil-fehma tal-Qorti f'dan il-każ ir-reat ta' truffa ma jissussistix. Din il-Qorti ssostni li f'dan il-każ jissussisti r-reat ta' misappropjazzjoni u dan għaliex l-imputat minflok ma nvesta' l-flus fdati lilu kif kien miftiehem, dan użahom għalih, fejn mill-provi jirriżulta li kien hemm ammonti li anke ġew iddepożitati fil-kont ta' bintu u fi żmien qasir inġibdu kollha. L-imputat stess isostni li dawk il-flus intużaw biex jinxtara l-bronż.

Illi għalhekk din il-Qorti m'hijiex sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

3. **It-Tieni Imputazzjoni:** *"Talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamilt qligħ ieħor b'qerq mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-kodiċi kriminali ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu ta' l-Ewro (€2,329.37c) għad-detriment ta' Maria Louisa k/a Marisa Magri mill-Iklin u ta' Alessandra Xuereb mill-Ħamrun;"*

Illi a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti ssostni li dan il-każ ma huwiex każ ta' frodi iżda huwa każ ta' misapproprjazzjoni.

Illi kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Gatt** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' April 2025:

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti, ir-reati ta' frodi, sija truffa u sija r-reat minuri ta' frodi nnominata, fuq in-naħa l-waħda, u r-reat ta' misapproprjazzjoni fuq in-naħa l-oħra, huma inkompatibbbli u reċiprokalment esklussivi bir-riżultat li dwar l-istess fatti, ma tista' qatt tinstab ħtija kriminali konkorrenti għar-reat ta' frodi u fl-istess waqt ukoll għar-reat ta' misapproprjazzjoni."*

Illi għalhekk din il-Qorti m'hijiex sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

4. **It-Tielet Imputazzjoni:** *"Kif ukoll talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanza, approprjajt ruħek, billi dawwart billi dawwart bi profitt għalik jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddiehor somma ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu ta' l-Ewro (€2,329.37c), liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilek taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u dan għad-detriment ta' Maria Louisa k/a Marisa Magri mill-Iklin u ta' Alessandra Xuereb mill-Ħamrun, liema somma ġiet fdata lilek minħabba il-professjoni. Industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħek jew minħabba depożitu neċessarju;"*

Fis-sentenza deċiża fit-23 ta' Ġunju 2020 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Nutar Peter sive Pierre Falzon ingħad li:

*L-artikoli 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu:*

*'293. Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar: Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti.*

*294.Madankollu, meta d-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan jiġi magħmul fuq ħaġa fdata jew ikkunsinnata lill-ħati minħabba l-professjoni, industrja, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju, l-azzjoni kriminali titmexxa ex officio, u l-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn.'*

*Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghat-tghallim gurisprudenzjali dwar dan ir-reat.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija versus Enrico Petroni u Edwin Petroni'*** *dwar l-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie meqjus li:*

*"Dana ir-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa ohra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddiehor.*

*Dan ir-reat jiddistingwi ruħu mir-reat ta' serq għax l-oġġett li jkun jiġi mogħti lill-aġent volontarament u mhux jittieħed kontra l-volonta' jew mingħajr il-kunsens tad-detentur; u jiddistingwi ruħu ukoll mit-truffa għax id-detentur tal-ħaġa ma jiġix ingannat permezz ta' raġġiri jew artifizji biex jitlaq minn idejh dik il-ħaġa favur l-aġent.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'The Police (Inspector Sylvana Briffa) vs. Keith Arthur Mayho'*** *gie meqjus li:*

*'That, as regards the present case, if reference is made to the three elements mentioned in the judgment above- referred to, Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni, whereas from the evidence brought forward it can safely be said that the first two elements have been satisfied, the same cannot be said as regards the third element. The proof that the accused has converted to his benefit or to the benefit of any other person is surely lacking. It should also be noted that no proof whatsoever was brought forward as to what actually happened to the freezer in question and who actually removed it, which the accused says was removed by someone when he was abroad on a holiday and who had removed the freezer without him knowing. As regards the fact that there was a time when the accused used to use the freezer to store some ice cubes in it, when he was not permitted to do so, not even this can be considered as misappropriation.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija versus John Gauci'*** *dwar l-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali gie kkunsidrat li:*

*'Minn eżami ta' dan l-artikolu jidher ċar li wieħed mill-elementi essenzjali ta' l-approprjazzjoni indebita, fil-kuntest tal-każ preżenti, huwa kostitwit mill-frażi: "... taht titolu illi jġib miegħu l-obbligu ... li jsir użu minnha speċifikat ...". Speċifikat minn min?*

*Ovvjament minn min ikun ikkonsenja l-ħaġa lill-aġent u minn hadd iżjed. Hija l-persuna li tikkonsenja l-ħaga u ħadd hliefha li jkollha jedd timponi l-obbligu ossia tispeċifika lill-agent dwar kif ikollu jagħmel użu mill-oġġett ikkonsenjat lilu minnha. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan bihom jixtrilu dar, l-aġent jikkommetti r-reat ta' approprjazzjoni indebita jekk minflok jagħtihom karita'. Jekk il-konsenjatur jagħti flus lill-aġent biex dan jixtrihom armi bi skop ta' serq, l-aġent ikun approprja ruħu mill-flus indebitament jekk jagħtihom karita', apparti l-kwistjoni tal-moralita'. Jekk jixtrihom armi, allura l-aġent ikun għamel uzu mill-flus kif speċifikat. F'kull każ, fl-indaġini dwar il- ħtija jew le ta' approprjazzjoni indebita, għandha ssir prova ta' l-użu tal-ħaġa speċifikata mill-konsenjatur, **u prova ta' jekk l-aġent ma ikunx għamel mill-ħaġa dak l- użu** jew użu divers." (Emfazi u sottolinear mizjuda minn din il-Qorti.)*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***'The Police (Inspector Angelo Gafa') Vs Artur Arakelyan, 43 years, son of Robert and Elmira nee' Vardanyan, born in Yerevan, Armenia, on the 11th February 1970, residing at 72/2, Duke Apartments, Victor Denaro Street, Msida, and holder of Maltese ID card number 18658A and Almerian passport number AG0644567 issued in Armenia on the 2nd February 2006'*** *gie kkunsidrat li:*

*'In a judgment delivered by the Court of Magistrates (Gozo) it was decided: "Skond gurisprudenza kostanti u anke skond awturi, generalment huwa ritenut li l-estremi ta' dan r-reat ta' approprjazzjoni indebita huma dawn li gejjin:*

***1. Illi l-pussess tal-haga jkun gie trasferit lis-suggett attiv tar-reat voluntarjament mill-proprjetarju jew detentur, ikun min ikun. Jigi specifikat hawnhekk biex ma jkunx hemm ekwivocita, li l-konsenja da parti tal- proprjetarju jew detentur lil agent jew lis-suggett attiv tad-delitt, trid tkun maghmula con l'animo di spostarsi del possesso, ghax altrimenti jiffugura mhux r-reat tal-approprjazzjoni ndebita, imma s-serq.***

***2. Illi t-trasferiment tal-pussess ma jridx wkoll ikun jimporta t-trasferiment tad-dominju cioe tal-proprjeta' ghaliex f'dan il-kaz ma jiffugurax l-element tal-azzjoni ndebita.***

***3. Illi l-oggett irid ikun mobbli;***

***4. Illi l-konsenjatarju in vjolazzjoni tal-kuntratt jaghmel tieghu il-haga cioe japproprja ruhu minnha, jew jbiegha, jew jiddistruggiha a proprio commodo o vantaggio;***

***Irid ikun hemm wkoll l-intenzjoni tas-suggett attiv tar-reat li japproprja ruhu mill-oggett li jkun jaf li huwa ta' haddiehor"*** *(The Police vs Marbeck Cremona – 15/02/2007).*

*Also in another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction, the Court listed the legal elements which constitute the crime of misappropriation (The Police vs Enrico Petroni and Edwin Petroni – 09/06/1998).*

***"Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircevi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."***

*Consequently for the prosecution of the crime to be successful, the author of it must have the specific intention to make use of the object entrusted to him for a specific purpose, as if he were the owner and therefore make use thereof or disposing of the same, at a resultant profit for himself or for others. The jurist Francesco Antolisei explains:*

***"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio"*** *(Manuale di Diritto Penale, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)*

*The key phrases in the law lie in the words* ***"under a title which implies an obligation"*** *and* ***"to make use thereof for a specific purpose"*** *– a purpose specified by the person delivering the object to the agent or agents, which person has the right to impose an obligation on the agent regarding the use to be made of the object entrusted to his care.*

*If the agent proves that he has made use of such object according to the instructions given to him, then he cannot be found guilty of the commission of this offence.*

*Finally the mens rea or the intention of the agent must be proven beyond reasonable doubt – the intention to make a gain or profit from the misappropriation of the object entrusted to him. In another judgment delivered by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction in the case The Police vs Dr. Seigfried Borg Cole (23 December 2003) the Court quoted the jurist Luigi Maino with regards to the intentional element necessary for the commission of this crime. (Commento al Codice Italiano UTET (1922) Vol IV para 1951 pagna 105 – 106):*

***"Finalmente, a costruire il delitto di appropriazione indebita e' necessario il-dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta', a scopo d'indebito profitto per se' o per un terzo, <u>il dolo sara' costituito dalla volontarieta', della conversione con scienza della sua illegittimita'e dal fine di lucro;</u> onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo ... <u>il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e' [come nel furto e nella truffa] l'animo di lucro</u>, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita [e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza] il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perche' non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inútilmente fatte allo scopo di esigere. <u>In generale la giurisprudenza e' costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dolo."</u>***

*Consequently from the above it results that the crime of misappropriation is based on the abuse of trust given to the agent, which abuse results in the consequent mishandling of any object by making use of the same for personal gain or profit whether financial or otherwise."*

Illi kif diġà ngħad, il-Qorti temmen il-verżjoni mogħtija minn Marisa Magri u Alessandra Xuereb u ċioé li l-imputat Giuseppe Azzopardi kellu jinvesti l-ammont ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) mgħoddija lilu fl-2009 minn Marisa Magri u Alessanda Xuereb barra minn Malta, x'imkien ġewwa l-IMCA bir-rata ta' sitta fil-mija (6%) fis-sena pero ma qalilhomx fejn. L-imgħax kien jagħtihomlhom kull sitt xhur, iżda mill-2011 ma baqax jagħtihom imgħax. Imbagħad meta għaddew it-tlett snin u ġie mitlub sabiex jagħtihom il-flus lura, huwa beda jġibilhom ħafna skużi fosthom li kien investihom il-Greċja u fallew.

Eventwalment fis-16 ta' Jannar 2013 l-imputat kien għadda ċekk lil Marisa Magri fl-ammont ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) iżda talabha sabiex ma tmurx il-bank issarfu qabel ma jgħidilha hu. F'Mejju 2013 kien urieha dokument li jindika li kellu investiti l-ammont ta' mija u tletin elf (€130,000) ma Calamatta Stock Brokers u kien talabha sabiex tagħtih ftit ċans sakemm jirċievi dawk il-flus. Minkejja d-diversi wegħdi l-imputat baqa' qatt ma rritorna lura dawn il-flus.

Illi l-ġurisprudenza tgħallimna li sabiex iseħħ ir-reat ta' misapproprjazzjoni jeħtieġ li:

1. ***Wieħed jircievi flus jew xi ħaġa ohra minghand xi hadd;***
   Mill-provi jirriżulta li l-imputat irċieva s-somma ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) mingħand Marisa Magri u Alessandra Xuereb.

2. ***bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku;***
   Mill-provi jirriżulta li l-imputat kellu l-obbligu li jinvesti l-ammont mogħti lilu minn Marisa Magri u Alessandra Xuereb barra minn Malta u wara tlett snin l-istess Marisa Magri u Alessandro Xuereb kellhom jirċievu lura l-kapital investit u cjoe l-ammont kollu mogħti lill-imputat

3. ***u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddiehor."***

Mill-provi jirriżulta li l-imputat minflok ma nvesta l-flus mogħtija lilu barra minn Malta, b'dawn l-istess flus xtara l-materjal tal-bronż biex jintuża u/jew jerġa jinbiegħ fin-negozju tiegħu u saħansitra parti mill-ammont ta' flus mogħtija lilu minn Marisa Magri u Alessandra Xuereb ġew iddepożitati f'kont bankarju ta' bint l-imputat.

Illi għalhekk din il-Qorti ssostni li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-elementi kollha li jwasslu għar-reat tal-misapproprjazjoni.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

*5.* **Ir-Raba Imputazzjoni:** *"U b'hekk int, Giuseppe Azzopardi, sirt reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Doreen Clarke L.L.D fl-4 ta' Ottubri 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;"*

Illi fit-trattazzjoni finali tagħha l-parte ċivile tagħmel referenza għal sentenza deċiża fl-10 ta' Settembru 2008 fejn l-imputat kien instab ħati u ngħata piena ta' conditional discharge.

Illi kif sostniet il-parte ċivile conditional discharge ma ġġibx ir-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta.

Madanakollu mill-atti proċesswali jirriżulta' li fis-seduta' tal-11 ta' Ġunju 2018, il-Prosekuzzjoni kienet ippreżentat ċitazzjoni mill-ġdid u l-Ispettur Yvonne Farrugia qrat l-akkuża kif korretta bil-ġurament.

Illi wara li saret il-korrezzjoni l-imputat ġie akkużat li sar reċidiv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr.

Doreen Clarke L.L.D fl-4 ta' Ottubri 2007. F'dik is-sentenza l-imputat kien instab ħati u ġie kkundannat għal multa ta' mitt lira Maltin (Lm100).

Illi fl-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali jingħad is-segwenti:

*"49. (1) Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

*(2) F'xi proċeduri taħt jew għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dokument, debitament awtentikat, li jiċċertifika li persuna nstabetħatja ta' reat kontra l-liġi ta' dak l-Istat jew parti minnu, fid-data speċifikata fid-dokument, għandu jkun ammissibbli bħala provatal-fatt u tad-data tad-dikjarazzjoni ta' ħtija mingħajr ħtieġa ta' xi prova ulterjuri.*

*(3) Dokument għandu jitqies li hu debitament awtentikat jekk waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin tapplika:*
*(a) jekk jidher li hu ffirmat minn imħallef, maġistrat jew uffiċjal tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza; jew*
*(b) jekk jidher li hu ċċertifikat mill-Ministeru, dipartiment jew awtorità oħra responsabbli għall-ġustizzja jew għall-affarijiet barranin tal-Istat fejn tkun ingħatat is-sentenza, sew jekk ikun b'siġill u sew jekk le; jew*
*(ċ) jekk jidher li hu awtentikat b'ġurament, stqarrija jew affermazzjoni ta' xhud.*

*(4) Kull dokument li jkun ser jintbagħat b'rabta mal-proċeduri taħt dan l-artikolu jista' jintbagħat b'kull mezz sigur li jkun kapaċi jipproduċi dokumentazzjoni bil-miktub u taħt kondizzjonijiet li jippermettu l-aċċertament tal-awtentiċità tiegħu.*

*(5) F'dan l-artikolu, "ġurament" tinkludi affermazzjoni jew stqarrija; u xejn f'dan l-artikolu m'għandu jinftiehem li jippreġudika dokument li jkun ammissibbli bħala prova taħt xi dispożizzjoni oħra tal-liġi.*

Illi fl-Artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali jingħad is-segwenti:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin,* ***jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha****, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abela Paul** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Sekomplittembru, 2004 meta insibu s-segwenti dictum:

*"L-appellant gie akkuzat li sar recidiv in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-1 ta' Lulju, 1997. Issa, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jason James Agius moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru, 2001, gie ritenut:*

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova tal-identita'.....l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova tal-identita'. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati....".*

U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Thomas Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Ġunju 2020 ingħad li:

*"Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** *moghtija minn din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2003, intqal: "Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena,* ***<u>l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti</u>*** *kif ukoll billi jigi pruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-*

*sentenza jew ta' dawk issentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva".*

Illi jirriżulta li ġiet ippreżentata kopja vera tal-oriġinal tas-sentenza deċiża fl-4 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppe Azzopardi. Illi f'dik is-sentenza hemm indikat ukoll li n-numru tal-karta tal-identità tal-imputat huwa 753355(M).

Kif diġà ngħad skond is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007 esebita fl-atti, l-imputat kien ġie ikkundannat mitt Lira Maltin (Lm100) multa.

Tajjeb li jingħad li fix-xhieda tagħha Joyce Agius għan-nom tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali xehdet li *'Giuseppe Azzopardi ħallas il-multa* ta' mitejn u tletin ewro punt erbgħa u disgħin ċenteżmu b'cheque preżentat fit-18 ta' Diċembru 2007'. Ix-xhud anke ppreżentat l-inkartament fejn fih hemm indikat li l-multa fil-fatt tħallset. Din il-Qorti ssostni li fil-mument li tħallset il-multa, is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 2007 mogħtija fil-konfront tal-imputat saret *res judicata*.

Illi l-Prosekuzzjoni eżebixxiet ukoll il-fedina penali tal-imputat. Jingħad li l-Prosekuzzjoni mhux biss ippreżentat kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Giuseppe Azzopardi deċiża fl-4 ta' Ottubru 2017 mil-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iżda ppruvat ukoll li dik is-sentenza tirreferi għal imputat u dan għaliex f'dawn l-istess sentenzi hemm l-isem u l-kunjom tal-imputat u anke l-karta tal-identita' tal-imputat. Ir-reat li fih l-imputat instab ħati tiegħu seħħ matul is-sena 2009 sas-sena 2013. Għalhekk il-prosekuzzjoni ippruvat ukoll li l-imputat wettaq reat ieħor f'anqas minn ħames snin li kien instab ħati ta' reat.

Din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-liġi l-aggravant tar-reċidiva u sejra tqis lill-imputat bħala reċediv.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din l-imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata u sejra tqis lill-imputat bħala reċidiv.

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat il-fedina penali tal-imputat. Qieset s-serjetà tal-każ għax b'dak li għamel l-imputat gidem żewġ persuni ammont sostanzjali ta' flus.

Il-Qorti ħadet konsiderazzjoni tax-xewqa tal-parte ċivile u ċioé li f'każ ta' ħtija il-Qorti tikkundanna lill-imputat sentenza sospiża u tapplika l-artikolu 28 H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bil-għan li l-imputat jħallas l-ammont approprjat minnu lura lil vittmi minħabba li jekk ma jħallasx l-ammont approprjat jispiċċa l-ħabs.

Pero idejn il-Qorti huma marbutin bil-liġi. Il-liġi hija ċara, u cjoe li meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50, il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-ikkundannat sentenza sospiża iżda għandha tikkundanna lill-ikkundannat ħabs effettiv.

A rigward l-ammont li l-imputat approprja, din il-Qorti filwaqt li hija temmen lill-imputat meta sostna li huwa ħallas diversi ħlasijiet ta' kera, kontijiet u spejjeż oħra għan-nom ta' Marisa Magri u dan għaliex anke Marisa Magri ikkonfermat dan il-fatt fix-xhieda tagħha, madanakollu din il-Qorti temmen lil Marisa Magri meta hija sostniet li l-ammont imħallas mill-imputat għal kera, kontijiet u spejjeż oħra, dan tħallas mill-imputat frott ir-relazzjoni ta' ħbiberija li hija kellha miegħu u fi kliem Marisa Magri, l-imputat kien jagħtiha dawn il-flus minn jeddu biex jgħinna. Di piu, qatt ma kien hemm xi diskors li tali għajnuna li l-imputat kien qed jagħtiha kellha titnaqqas mis-somma ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000).

Illi jirriżulta li wara li kienu bdew dawn il-proċeduri, l-imputat kien ħallas lil parte ċivile l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) u għalhekk din il-Qorti ssostni li mill-ammont ta' tmienja u disgħin elf ewro (€98,000) li huwa appropja huwa ħallas lura lil vittmi l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) biss.

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat Giuseppe Azzopardi, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 753355(M) mhux ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tat-tieni (2)

imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah u wara li rat l-artikoli 7, 8, 9, 11, 14, 16, 17, 18, 20, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 23D, 31, 49 (1), 49 (2) 49 (3) 49 (3) (a), 49 (3) (b), 49 (3) (ċ), 49 (4), 49 (5), 50, 293, 294, 308. 309 u 310 (1) (a), 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt illi tiddikjara lill-imputat Giuseppe Azzopardi bħala reċidiv, issib lill-imputat Giuseppe Azzopardi detentur tal-karta tal-identità bin-numru 753355(M) ħati tat-tielet (3) imputazzjoni, u tar-raba' (4) imputazzjoni u tikkundannah għal piena ta' priġunerija għal żmien tmintax (18) il-xahar.

Tordna wkoll lill-ħati bl-applikazzjoni tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iħallas lil Maria Louisa k/a Marisa Magri is-somma ta' disa' u għoxrin elf, erbgħa u tmenin Ewro u tmien ċenteżmi (€29,084.08) u lil werrieta ta' Alessandra Xuereb is-somma ta' ħamsa u sittin elf, disa' mija u ħmistax il-Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmi (€65,915.92c) rappreżentanti l-kumpens għat-telf ikkaġunat lill-partijiet offiżi permezz tal-kommissjoni tar-reat ta' misapproprjazzjoni,

Minħabba li f'dawn il-proċeduri ma ġewx maħtura periti jew esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni li f'każ ta' ħtija l-Qorti tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**
**--------------------------------TMIEM--------------------------------**